**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 31**

**16 ta' Diċembru 2025**

Il-laqgħa numru 31 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar it-Tlieta 16 ta' Diċembru 2025 fid-09.30 ta' filgħodu.

**PREŻENTI:**

Steven Grech - Sindku
Nazzareno Bugeja - Kunsillier (onlajn)
Daniel Zerafa - Kunsillier
Matthew Bugeja - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**

Miriam Camilleri - Viċi Sindku

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tiffany Abela - Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **31** | **Qari ta' ittri ta' apoloġija** |
| | F'din il-laqgħa kien hemm ittra ta' apoloġija waħda ta' Miriam Camilleri li kienet ma tiflaħx. |
| | |
| **31.1** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |

| | |
|---|---|
| | Kien hemm xi żball żgħir li kien irranġat dak il-ħin. Għalhekk il-minuti 28 ġew approvati u iffirmati minn Daniel Zerafa u Matthew Bugeja. Il-minuti 30 u 31 ser jiġu preżentati fil-laqgħa li jmiss |
| | |
| **31.2** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| | Is-Sindku qal li fl-1 ta' Diċembru kellu laqgħa mal-Maltapost fejn dawn urew ix-xewqa li jagħmlu pick up boxes. Hu kien qed jissuġġerixxi li dawn isiru fi Triq Arznell ħdejn l-iskola fid-daħla qrib il-kamra tal-kunsill |
| | Is-Sindku qal ukoll li fl-1 ta' Diċembru hu u DES kellhom laqgħa ma direttur ġenerali fuq l-iskalien. Id-Direttur Ġenerali xtaq li dan isir permezz ta' Byelaw u għalhekk il-kunsill kien ser jagħmel dan fil-laqgħa li jmiss. |
| | Is-Sindku qal li l-kunsill kien irċieva email b'rikjesta għal Water sports fil-port ta' Marsaxlokk. Il-kunsill qabel li l-port ta' Marsaxlokk kien port kummerċjali u għalhekk ma setgħax isir Water sports kif imsemmi fl-email għax kien ser tinterferixxi mal-operat tal-port u tas-sajjied. Għalhekk ma kienx hemm qbil għal dan il-watersports. |
| | Id-DES qalet li l-kunsill kien irċieva email minn għand dawk li jagħmlu l-fitness u dawn kienu qed jitolbu żieda fil-prezz għal kull lezzjoni. Is-Sindku qal li l-aħjar li issir naqra riċerka u dan l-ittem jgħaddi għal-laqgħa li jmiss. |
| | Is-Sindku informa li l-kunsill kien rebaħ l-iskema sabiex isir il-Masterplan u kien diġà ikkuntattja lil-Perit sabiex issir laqgħa fuq dan. Il-Masterplan irid ukoll iħares lejn il-kulur tal-umbrelel, tal-boat trips, u ristoranti sabiex ikun hemm uniformità. |
| | |
| **31.3** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti** |
| | Hawnhekk daħal online l-accountant Karl Cutajar fejn spjega li l-income totali għal budget tas-sena 2026 kien ser ikun Euro 499,014. Dawn il-flus kienu ġejjin mill-allokazzjoni tal-gvern, kif ukoll minn LES u byelaws. Id-Dħul meta mqabbel mas-sena 2025 naqas b'33elf. Fil-Budget inżammu l-ispejjeż tal-pagi, allowances u Overtime kif ukoll Maintenance in ġeneral fuq l-istess binarji tas-sena 2025. L-ispejjeż amministrattivi żdiedu minħabba li kien qed isir provediment għal perit minħabba l-uffiċini tal-kunsill il-ġodda.<br><br>L-accountant fakkar li l-budget jista' jiġi rivedut hekk jinħass il-bżonn matul is-sena. L-FSI kien ta' 26% u l-budget kien qed juri surplus ta' 76elf.<br><br>Fuq dan il-budget ittieħed vot. Voti Favur: 4 |
| | |
| **31.4** | **Latrini** |
| | Is-Sindku spjega li wara l-laqgħa mad-Direttur Ġenerali fejn verbalment dan kien qal li l-byelaw tal-latrini ma kienx hemm qbil fuqa, u kien qed jissuġġerixxi li issir MOU mal-cleansing peress li l-kunsill ma kellux ir-riżorsi sabiex iħallas għal manteniment tal-latrini mingħajr ma jkun hemm dħul. Il-kunsilliera qablu li jsir MOU mal-cleansing. |

| | |
|---|---|
| 31.5 | **EV Charging Pillar** |
| | Is-Sindku qal li kien irċieva suġġeriment sabiex jiżdiedu l-EV charging Pillars in-naħa tas-Silġ.<br><br>Fuq dan kien hemm qbil. |
| | |
| 31.6 | **Performance Appraisals għal-istaff Klerikali** |
| | Is-Sindku spjega li wara li tkellem mad-DES u wara li hi kienet tkellmet mal-istaff hu kien qed jissuġġerixxi li lperformance bonus tal-ħaddiema ikun il-massimu. Dak ta' 10% għal ħaddiema klerikali u ta 6% għal ħaddiema mhux klerikali.<br><br>Is-Sindku hawnhekk issospenda l-laqgħa u d-DES telqet il-barra sabiex il-kunsill ikun jista' jiddiskuti l-performance bonus tagħha. Is-Sindku reġa sejjaħ lid-DES u din ingħatat il-full performance bonus ukoll. Id-DES irringrazzjat lil kunsill tal-fiduċja u appoġġ. |
| | |
| 31.7 | **Era - Konsultazzjoni** |
| | Is-Sindku spjega li l-kunsill kien irċieva email fuq konsultazzjoni fuq il-powerstation. |
| | |
| 31.8 | **TM – Blue Badge parking** |
| | Is-Sindku qal li l-persuna ikkonċernata fuq il-Blue Badge Parking space li konna diskutejna fil-laqgħat preċedenti, kienet talbet lil Transport Malta sabiex tivverifika li kien hemm il-permessi għal din il-Blue Badge u Transport Malta ikkonfermat. |
| | |
| 31.9 | **Mistoqsijiet** |
| | Il-Kunsilliera ma kellhomx aktar mistoqsijiet jew kummenti. |
| | |
| 31.10 | **Planning Authority** |
| | Is-Sindku qal li kien stieden lil Sur Gilbert Bugeja żvilupppatur fi sit ta' kostruzzjoni fejn kien hemm il-Hunters Towers. Is-Sur Bugeja qal li l-izviluppaturi tas-sit kienu qed jipproponu wara li kellhom ukoll diskussjonijiet mal-ERA minħabba sit Natura 2000 li hemm propju biswit is-sit, li l-entrata prinċipali tiġi tħares lejn il-Powerstation, u jkun hemm ġnien li ser ikun miftuħ għal pubbliku. Ser ikun hemm ukoll side road għal minibuses u taxis. Matthew |

| | |
|---|---|
| | Bugeja qal li din is-side road hi tajba ħafna u ħa tifranka t-traffiku. Minn naħa tal-kunsill kien hemm qbil però li reception tiġi fuq wara u li jsir il-ġnien. Is-Sur Bugeja qal li l-proposta l-ġdida kienet li jitbaxxew is-sulari u li s-servizzi jitattew bi Green wall.<br><br>L-kunsill xtaq jara l-proġett aktar fid-dettal u għalhekk kien ser jagħmel laqgħa fuq hekk biss fiż-żmien li ġej.<br><br>Is-Sindku qal ukoll li kien importanti li t-telqa li hemm bħalissa fis-sit Natura 2000 tiġi irrianġata u għalhekk xtaq li ssir laqgħa mal-ERA fuq dan. Matthew Bugeja qal ukoll li l-kamra li hemm bħalissa li kienet żdingata kella ssir ċentru ta' interpretazzjoni. Fuq dan kien hemm qbil. |
| | |
| | Il-laqgħa ġiet fi tmiema għal ħabta ta' 11.30am. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar is-16 ta' Jannar fid-09.30am ta' filgħodu. |

*Ikkonfermati llum 16 ta' Jannar 2026,*

**IFFIRMATA**

______________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

______________________

**Tiffany Abela**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**IFFIRMATA**

______________________

*Proponent*

**IFFIRMATA**

______________________

*Sekondant*